s-sentenza tal-eżilju, li skond Cremona saret fl-10 ta' Settembru, 1800, u sakemm instab vapur sejjer lejn Marsilja, Vassalli żammewh il-Kastellanja tal-Belt. Insibu li f'lejlet il-Milied tal-1800 Ball għamel żjara l-Kastellanja u Vassalli ressaq talba ta' maħfra, imma ma ngħatathilux, u dan l-iben ta' Malta ħalla art twelidu għat-triq twila tal-eżilju fil-15 ta' Jannar, 1801, fuq il-vapur "S. Nicola," li l-Kaptan tiegħu kien wieħed Grieg, jismu Anġelo Patriccio.

Cremona jgħidilna li sab iċ-ċertifikat tal-mewt ta' Grabiel Vassallo, iben Mikiel Anton, li miet il-Furjana fit-30 ta' Lulju, 1863. Minn dan iċ-ċertifikat jidher li Grabiel twieled Marsilja fl-1814; għalhekk missieru aktarx kien qed igħix f'din il-belt, u nafu li martu kienet waħda Katerina Formosa de Fremaux li Itaqa' magħha meta kien eżiljat Franza.

Wara li jiddeskrivilna l-ħerba tal-pesta, u jurina l-atmosfera ta' biża' u d-dwejjaq li din ġabet magħha, Galea jġibilna lil Ġorġ Barbara jaqbeż għal Vassalli fl-eżilju, mal-gvernatur Sir Hildebrand Oakes u jaqlagħlu l-maħfra. Vassalli jerġa' lura Malta: Dovik Abela kien miet waqt l-Imblokk. Ewġen Manduca miet bil-pesta, u baqa' hu biss, mit-tliet żgħażagħ li riedu lil Margerita (irridu niftakru li f' "Id-Dinja Rota" Vassalli ma jiżżewwiġx Franza). Għalkemm wara tant żmien u tiġrib, Vassalli fl-aħħar ifisser imħabbtu lil Margerita, din tatu x'jifhem li hi kienet ċaħdet l-imħabba, u għalhekk neħħietlu kull tama u qatgħetlu qalbu darba għal dejjem.

L-aħħar kwadru li jagħtina Galea ta' Vassalli huwa fil-mewt tas-sinjura Rożanna Barbara. Mikiel Anton jaqsam mal-ulied Barbara n-niket tagħhom:

> "Mikiel Anton dawwar wiċċu n-naħa l-oħra għax ma felaħx jara dik id-dehra ta' qsim il-qalb." (12. Kap.XV).

Skond Cremona, l-ewwel darba li nerġgħu nisimgħu b'Vassalli huwa fl-1 ta' Novembru, 1820. F'dan il-jum deher avviż fil-gazzetta tal-Gvern: fih Mikiel Anton Vassalli joffri ruħu bħala surmast tal-Franċiż. Cremona jsemmilna wkoll li anki wara l-miġja tiegħu lura mill-eżilju Vassalli lil Kanonku Caruana ma sabux ħabib. Imma fl-aħħar inqala' bniedem kbir ieħor u studjuż bħal Vassalli: John Hookham Frère. Bħala chairman tal-Kunsill Ġenerali tal-Università, Frère fit-30 ta' Ottubru 1824 qara dis-



kors u fih semma pjan għaqli biex titwaqqaf skola ġdida għat-tagħlim tal-Malti. Fil-21 ta' Frar, 1825, insibu li l-membri ta' dan il-Kunsill qatgħuha li jaħtru lil Mikiel Anton Vassalli Professur tal-Malti fl-Università.

F'Mejju tal-1825 Vassalli ħareġ edizzjoni ġdida bit-Taljan tal-Grammatika tiegħu. F'din l-edizzjoni Vassalli aktarx ġabar il-lezzjonijiet tiegħu fl-Università. Sal-aħħar tal-1825 leħaq ġabar ukoll il-qwiel Maltin. Din il-ġabra stampaha fl-1828. Fl-1825 kellu lesta, wkoll, versjoni oħra tal-Vokabolarju tiegħu, din id-darba dizzjunarju Taljan-Malti. Ta' min isemmi li waqt dan ix-xogħol kollu ċ-Church Missionary Society kienet qabbditu jaqleb it-Testment il-Ġdid għall-Malti; u sabet ix-xogħol tiegħu ħafna aħjar minn dak ta' Canolo.

Ix-xogħol tat-traduzzjoni Vassalli ma leħaqx temmu għax wasal sal-Atti tal-Appostli. Mikiel Anton Vassalli miet fqir, imma miet igħix ħolma sabiħa li kellu biżżejjed fidi jemmen li għad trid isseħħ.

Wieħed mill-ħbieb ta' Vassalli kien Schlienz taċ-Church Missionary Society, u dan jixhed li Vassalli miet fi ħdan il-Knisja Kattolika.

Hekk seħħet it-tixbiha ta' Vassalli mal-profeta jħabbar qawmien ġdid meta Malta u l-Maltin ma jibqgħux iħarsu lejn il-barrani imma jagħrfu l-identità nazzjonali tagħhom.

---

## NIFIRĦU

*Nifirħu bil-qalb kollha liż-żewġ Membri Akkademiċi, Onor. Dr. Anton Buttigieg u s-Sur Frans Ebejer li rebħu ż-żewġ premijiet tal-Konkors Letterarju mniedi mill-Gvern.*

*Dr. Anton Buttigieg hu magħruf bħala wieħed mill-aħjar poeti tagħna, filwaqt li s-Sur Ebejer għamel isem bħala dramatist mhux biss f'Malta iżda barra wkoll.*